MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2010

Numru 364/2007

**PULIZIJA**
**SPETTUR JOSEPH AGIUS**
**VS**
***OMMISSIS X***

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba konta *Ommissis X*, ta' *ommissis*-il sena, iben *Ommissis Y* u *Ommissis Z*, imwieled *ommissis* u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru *ommissis*, residenti *ommissis.*.

Illi huwa akkuzat talli fl-20 ta' April 2007 gewwa *ommissis* ghall-habta tal-hdax ta' filghodu, b'eghmil zieni, ikkorrompa lil *Ommissis M* mil-*ommissis*, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 203 (1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi huwa akkuzat ukoll talli fl-istess jum, lok u cirkostanzi, bil-hsieb li jaghmel delitt, wera il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt billi bi vjolenza, ipprova jikkommetti stupru fuq il-persuna ta' *Ommissis M*, minorenni ta' *ommissis*-il sena u dan bi ksur ta' l-Artikolu 41 (1) (a) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

F'kaz ta' htija l-Qorti hija gentilment mitluba sabiex taplika l-Artikolu 383 (1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' l-istess *Ommissis M* u l-familjari taghha, u li l-imputat ihallas l-ispejjes ta' l-esperti mahtura mill-Qorti.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat l-Artikoli elenkati mill-Avukat Generali (a fol.60) fejn il-Qorti tista' ssib htija fl-imputat;

Rat il-verbal datat 9 ta' Dicembru 2008 (a fol.161) fejn l-imputat ma kellux oggezzjoni li jigi ggudikat minn din il-Qorti;

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-Kummissarju tal-Pulizija datat 24 ta' Gunju 2009;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u cioe ta' l-Ispettur Joseph Agius (ara fol.21 et seq.) jirrizulta illi *Ommissis F* kien irraporta l-ghassa tal-Pulizija taz-*Ommissis* fl-20 ta' April 2007 stante li bintu *Ommissis M* ma kinitx irritornat mill-iskola. Aktar tard, l-istess *Ommissis F* irraporta l-ghassa illi bintu *Ommissis M* kienet giet stuprata mill-imputat. L-Ufficjal Prosekutur xehed illi huwa kellem lil *Ommissis M*, illi qaltlu illi kienet fuq l-*istage*, li kien gie l-imputat *Ommissis X* u qalilha:

*"Ejja mieghi ghax intik daqqa ta' ponn u noqtlok.",*

u din imxiet mieghu sa naha ta' isfel ta' *ommissis*, meta mbaghad dahlu go karozza ta' habib ta' *Ommissis X* sa *ommissis* u dahlu f'kamra taz-ziju ta' l-imputat u li hemmhekk kellhom attivita' sesswali. *Ommissis M* informat lil Pulizija illi l-imputat l-ewwel nehhielha l-flok, messilha sidirha, ghamel il-parti genitali tieghu mal-parti genitali taghha, ipprova jippenetraha pero' ma hallietux. WPC 124 ukoll kellmet lil minuri *Ommissis M* **fejn it-tifla qaltilha illi kienet hi stess li marret wara l-bieb ta' *Ommissis X*, kienet hi li cemplitlu fuq il-*mobile* u qaltlu biex imorru fl-ghalqa ta' zijuh il-ghaliex hekk kien diga' miftiehem li jaghmlu, izda ma kienux ikkonfermaw data**. L-Ispettur Agius xehed illi anke ma' WPC 124, *Ommissis M* ikkonfermat attivita' sesswali **izda mhux penetrazzjoni**. Spettur Agius ikkonferma illi mir-rizultanzi medici, lanqas ma rrizulta illi kien hemm penetrazzjoni. **Spettur Agius xehed illi kien arresta lil *Ommissis X* u li kellmu fil-prezenza ta' ommu, li ammetta illi kien nehha t-*top* tal-minuri u li kellu xi attivita' sesswali maghha, ikkonferma li pprova jippenetraha pero' hi ma hallietux**. L-Istqarrija giet ezebita bhala Dok.JA u gew ezebiti wkoll in-notamenti ta' WPC 124.

Fl-istqarrija ta' l-imputat Dok.JA (a fol.24 et seq.) *Ommissis X*, minorenni, ikkonferma li kienet *Ommissis M* illi giet wara l-bieb tieghu u hajritu johorgu flimkien, illi hu ma ridiex li tfalli l-iskola izda hija nsistiet. Minn hemmhekk huma kienu marru *Ommissis*, kif kienu diga' ftehemu f'xi zmien qabel:

**Domanda:** ***"X'kien il-hsieb propju tieghek meta mortu hemm?"***

**Risposta*: "Biex tilghab ma' gismi. Hi wkoll riedet hekk. Ahna konnha miftehemin minn qabel, li xi darba naghmlu hekk, izda mhux dik il-gurnata."***

L-imputat (a fol.24) ta deskrizzjoni cara ta' l-attivita' sesswali illi kien sehh ma' *Ommissis M* u cioe t-tnehhiha

tal-hwejjeg tal-minuri *Ommissis M*, il-mess tas-sider u tal-parti genitali ta' *Ommissis M*, inkluz dana bil-parti genitali ta' l-istess imputat, izda minghajr penetrazzjoni.

*Ommissis F* (a fol.34), missier *Ommissis M*, ikkonferma r-rapport li ghamel u nforma lil Qorti li hu kien irrabja hafna mat-tifla minhabba li kienet skartat mill-iskola u li meta giet lura **kienet gidbitlu** u qaltlu illi kienet marret iddur iz-*Ommissis*, illi ghalhekk kien hadha l-ghassa tal-Pulizija. **Illi, sussegwentement, kienet qaltlu illi kienet marret ma' *Ommissis X*, f'kamra *Ommissis*, il-ghaliex kien heddidha** u kien ipprova jaghmel atti sesswali maghha u li hija rrifjutathom u dana rrizulta anka mill-*Gynaecologists* ta' l-isptar. *Ommissis F* xehed illi hu kien mar jaghmel rapport f'dan is-sens **izda sussegwentement irrizultalu illi kienet l-istess *Ommissis M* li marret tfittex lill-imputat u mhux vice versa.**

*Ommissis M*, minorenni ta' *ommissis* (*ommissis*)-il sena, informat il-Qorti illi kienet taf lill-imputat u kienu ***close friends*** u **li darba kienet batitlu ritratt taghha bi zball** u minhabba f'hekk, l-imputat kien irrabja maghha il-ghaliex kienet gelditu mal-*girlfriend* tieghu. L-imputat kien rega' ltaqa' maghha u beda jghajjarha barra fit-triq u fil-fatt waqaf biss ghaliex kien ra karozza tal-Pulizija. Wara dan, kien qalilha illi minhabba li haffrilha hija kellha tiltaqa' mieghu fil-kamra ta' zijuh f'*Ommissis*:

"*Halli noqghodu nilghabu flimkien."*

Hija bezghat taghmel dan, izda:

*"Hu qaghad jheddidni 'Ghax hazin ghalik' jew xi haga, u nsomma u jien mort, mort ghax hu beda jheddidni."*

**Mistoqsiha jekk kienx veru li hi marret fil-kamra ta' *Ommissis* ghaliex hekk xtaqet taghmel, *Ommissis M* xehedet:**

***"Le jiena ma kontx naf x'ser jaghmel ezatt."***

**Izda ftit iktar tard ikkonfermat illi kien veru illi hija kellha grazzja mieghu, illi din kienet ftit ta' avventura ghaliha u li ma gietx sforzata u ma ntuzat ebda forza fuqha biex hija tmur ma' l-imputat f'*Ommissis*.** *Ommissis M* kkonfermat illi **hija stess marret tistenna lill-imputat hdejn id-dar tieghu**, illi mxew flimkien, nofs ir-rotta sa *Ommissis* mbaghad kienu hadu *lift* minn persuna anzjana illi kien joqghod vicin taz-ziju ta' *Ommissis X*:

Risposta: *"U nsomma mbaghad tlajna flimkien u beda jghidli biex jipprova jaghmel mieghi u jien ma ridtx, kwazi bdejt nibki jien, beda jghidli inti kont taf ghalfejn gejjha hawn qalli, qalli qablek dahlu erba' ohra u ma ghamlux bhalek,* ***qalli jekk mintix ser taghmel dak li ha nghidlek jien itlaqli 'l barra."***

Domanda: ***"Sewwa inti tlaqt 'l barra?"***

Risposta: ***"Le dak il-hin le, imbaghad inzilt jien."***

Il-minuri kkonfermat illi bl-ebda mod ma giet mizmuma bil-forza mill-imputat. Mitluba tghid il-ghaliex ma talbitx l-ghajnuna ta' zijuh, *Ommissis M* xehedet illi dan kien jaf illi l-imputat kien igib it-tfajliet hemmhekk sabiex ikollu x'jaqsam maghhom sesswalment. *Ommissis M* xehedet illi l-imputat kien heddidha illi jekk mhux ser taghmel dak illi kien qed jitlobha kien ser jghid lil kuginuh u hi aktar bezghat. Il-minuri xehedet illi l-imputat rega' dahhalha fil-kamra u tefaghha fuq is-sodda u hi baqghet tghidlu li ma riditx li jkollu x'jaqsam maghha u huwa accetta, izda ftit wara rega' pprova u hi evitatu mill-ewwel. Il-minuri xehedet illi l-imputat rega' neza l-*jeans* u pprova fuq wara:

*"Nezaw u pprova fuq wara...lahaq ghamel ftit...izda jien ma hallejtux."*

Imbaghad minn hemmhekk, hija libset u nizlet, telqet tigri 'l barra, marret f'xifer l-irdum u l-imputat nizel warajjha,

jghidilha biex ma taghmilx hmerijiet. Hija avzatu illi kienet lesta li taqbez ghal isfel. Illi, mbaghad, gie zijuh, hadha mieghu u qaghadu fil-kcina**. Illi wara dan, il-minuri tammetti illi regghet telghat fil-kamra tas-sodda ma' *Ommissis X* u bdew jitbewsu:**

***"U komplejt mieghu jien.",***

**u kienet hi illi nezghet hwejjigha u halliet lill-imputat jaghmel certi atti sesswali ta' mess tal-partijiet intimi u bews. F'ebda hin ma kienet imsakkra f'xi kamra u setghet tohrog meta xtaqet hi.** Illi wara dan, l-imputat u kuginuh baqghu jilghabu l-karti u li l-imputat ma wassaliex lura d-dar halli jaqlalha xenata minn missierha u dan talli ma hallietu jaghmel xejn.

**In kontro ezami (a fol.49), il-minuri kkonfermat illi l-gurnata ta' qabel, hija u l-imputat, kienu ftehemu fuq kollox u ghalhekk kienet iddecidiet li ma tmurx l-iskola. Il-minuri xehedet illi meta hija ftehemet ma' l-imputat biex imorru *Ommissis*, hija hasbet illi kienu ser imorru biex jitbewsu biss. A fol.51, *Ommissis M* kkonfermat illi fl-ahhar kienet hi illi marret fuq is-sodda u kienet hi illi nezghet u l-intimita' illi sehhet bejniethom kienet saret bil-kunsens komplet taghha.**

Dr. Mario Scerri (a fol.62) ipprezenta Dok.MS (a fol.64 et seq.) u xehed illi *Ommissis M* ma kellha ebda lezjoni fuq il-persuna taghha u ma allegatx illi kien sar xi penetrazzjoni da parti ta' l-imputat, anzi, kkonfermat l-oppost (ara xhieda a fol.67). Illi, di piu, (a fol.69 u fol.70) jirrizulta illi **ma kienx hemm lezjonijiet friski fuq il-parti genitali jew fuq il-persuna ta' *Ommissis M* u li l-hymen kienet intatta.**

WPS 124 Caroline Jacono kkonfermat illi hija kienet hadet ir-ritratti tal-minuri u kkonfermat ir-relazzjoni taghha (a fol.74 et seq.)

PS 850 Simon Buttigieg ikkonferma l-istqarrija rrilaxxata mill-imputat.

PS 359 Carmelo Abdilla kkonferma r-rapport illi ghamel *Ommissis F* rigwardanti bintu *Ommissis M* u ezebixxa l-okkorrenza Dok.CA

WPC 124 Charlene Bugeja kkonfermat id-dokumenti JA4 illi kienu n-notamenti illi hija hadet meta kienet qed tkellem lil *Ommissis M*. Hija xehedet fuq il-verzjonijiet fuq li qaltilha l-minuri *Ommissis M* u kkonfermat in-notamenti.

WPC 167 Justine Grech ikkonfermat it-tieni rapport illi kien ghamel *Ommissis F* dwar it-tifla tieghu *Ommissis M* u ezebixxa l-okkorrenza Dok.JG.

Dr. Juliana Scerri Ferrante kkonfermat ir-rapport taghha Dok.JSF (a fol.100 et seq.)

Spettur Joseph Agius ezebixxa certifikat tat-twelid tal-minuri Dok.JAX u l-okkorrenza Dok.JAY

Dr. Mario Scerri rega' kkonferma x-xhieda tieghu (fol.148)

Jane Cali' kkonfermat illi l-imputat beda programm ta' rijabilitazzjoni kontra d-droga.

Probation Officer Maryanne Zammit ikkonfermat illi kienet qed issewgi lill-imputat u li dan ta' sikwiet kien ifalli l-appuntament taghha

Ikkonsidrat:

Illi mix-xhieda fuq prodotta, jirrizulta anka b'mod ampju, illi l-verzjoni illi tat *Ommissis M* lil missierha *Ommissis F*, ma ghandha x'taqsam xejn ma' dik illi *Ommissis M* tat fl-ahhar parti tax-xhieda taghha quddiem din il-Qorti. Illi jirrizulta, ampjament, illi kienet l-istess *Ommissis M* illi marret tfittex lill-imputat sabiex imorru f'din il-kamra f'*Ommissis*. Illi dana kollu kien miftiehem minn gurnata qabel u li hemmhekk, din it-tfajla ta' *ommissis*-il sena, illi kellha grazzja ma' l-imputat (minkejja illi kienet qed tohrog ma' guvni iehor), ippartecipat f'attivita' sesswalli, illi kien jinkludi l-bews, il-mess tal-partijiet intimi u partijiet genitali.

Din il-Qorti tifhem illi *Ommissis M* f'ebda hin ma giet imsakkra, imsawta jew sfurzata biex taghmel xi att illi hija, fil-fatt, ma xtaqitx. Johrog car, pero', illi l-imputat talabha u anka ssikkaha diversi drabi biex ikollha x'taqsam mieghu, izda hija rrifjutat u hu rrejagixxa hazin billi sabbat, hedded u rredikola lill-istess minuri.

Din il-Qorti taghraf ukoll illi l-minuri kienet libera illi tohrog mill-ambjent fejn kienet qeghedha, meta riedet u meta xtaqet u li fil-fatt hekk ghamlet meta deherilha opportun.

Illi, di piu', *Ommissis M*, fl-ahhar stqarriet, illi l-imputat, b'ebda mod, ma ppenetraha pero' mess il-parti genitali tieghu ma' taghha minghajr penetrazzjoni. Dan huwa rifless fl-ezami ginekoloku, skond dokument MS, kif mahluf minn Dr. Mario Scerri li sab lill-minuri kellha l-hymen intatt.

Illi, in oltre, kien hemm prezenti z-ziju ta' l-imputat u l-minuri setghet titolbu l-ghajnuna kif u meta riedet.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti temmen illi t-tieni akkuza ta' attentat ta' stupru m'hijiex provata skond il-Ligi.

Ghal rigward ta' l-ewwel akkuza, u cioe dik ta' korruzzjoni ta' minorenni, il-Qorti taghraf illi din hija provata lil'hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni u hija ammessa pienament mill-imputat fl-istqarrija tieghu.

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza Pulizija versus Wiffen, deciza fit-8 ta' Jannar 1996, ikkonfermat:

*'As to the requirement of the actual defilement, this is obviously not something that can be measured with any known specific instrument, but it is something which has to be assessed by the appointed Judge – the lay Judge in the case of a trial by jury, the professional Magistrate or Judge in all other cases – taking into account all the circumstances of the case, including in particular, the age of the victim and the nature of the act or acts.'*

Imbaghad fis-sentenza Pulizija versus Andrew Bonnici, deciza fit-23 ta' Jannar 1998, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet is-segwenti:

*'Tifel ta' appena tlettax-il sena li jigi espost ghall-eghmil li jaghmel l-appellant, kemm fuqu nnifsu, kif ukoll fuq il-persuna tal-istess tifel, ma jistax ma jigix korrott anke jekk forsi dak it-tifel ikun diga' jaf certi fatti tal-hajja, jew ikollu xi esperjenza sesswali. Altru esperjenza sesswali fil-kors normali tal-izvilupp fizjologiku ta' dak li jkun, u altru impozizzjoni ta' sitwazzjonijiet determinati minn eghmil zieni, li manifestament jipproducu lezjoni f'integrita' morali tal-minorenni.'*

Illi fil-kaz in ezami, jirrizulta pprovat illi l-atti li wettaq l-imputat, u cioe', il-mess tal-partiejiet intimi tal-gisem tal-minuri u cioe s-s-sider u l-mess ta' partijiet genitali tal-minuri, jikkostitwixxu, dak illi l-ligi tikkategorizza bhala 'lewd acts' jew atti di libidini'.

Il-Qorti imbaghad ghaddiet biex tezamina jekk kemm il-darba l-atti prattikati fuq il-minuri attwalment wasslux sabiex jikkorrompu l-istess minuri u ghal dan il-ghan ghamlet referenza ghall-insenjament tal-principji enuncjati fil-kawza Pulizija versus Carmelo Spiteri deciza fl-20 ta' Marzu 1989 mill-Qorti tal-Appell Kriminali;

*'Huwa fatt li jistghu jinqalghu kazijiet fejn l-allegat suggett passiv tar-reat ikkontemplat fl-Artikolu 203, minhabba hajja dedikata ghall-laxxivja u ghall-pjaciri sesswali, ikun fi stat ta' travjament morali tant komplet li difficli wiehed jista' jimmagina kif jista' jigi ulterjorment korrott, u kazijiet bhal dawn gieli gew ikkunsidrati minn din il-Qorti, izda huwa cert ukoll li l-esperjenza sesswali precedenti mhux necessarjament teskludi l-possibilita' li jkun hemm korruzzjoni ghaliex kif intqal mill-Qorti tal-Appell Kriminali, in re, Il-Pulizija versus George Portelli, deciza fit-2 ta' Frar 1975, (fejn dik il-Qorti kienet abbraccjat it-tejorija moderata tal-Maino), mhux qed jinghad li persuna gia parzjalment korrotta, ma tistax tigi korrotta izjed. Si tratta ta' kwistjoni ta' bilanc.'*

Din il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt illi l-minuri *Ommissis M* kienet tfajla ta' *ommissis*-il sena u s-sehem attiv taghha sabiex sar dan l-inkontru ma' l-imputat illi fi kliema stess kienet meqjusa bhala avventura. Din il-Qorti ghadha wkoll d-dover illi tippreciza illi l-imputat inniffsu kien minuri fid-data imsemmija fic-citazzjoni.

Illi ghal dawn il-motivi, l-Qorti ssib lill-imputat ***Ommissis X***, hati ta' l-ewwel (1) akkuza, mhux hati tat-tieni (2) akkuza li minnha tilliberah u wara li rat Artikoli 37, 203(1), 28A u 28G tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tikkundannah ghal sena prigunerija sospizi ghal tlett snin**; in oltre **tqieghed lill-imputat taht Supervision Suspended Order ghal perijodu ta' tlett (3) snin** taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-Probation Services jew Probation Officer iehor minnu nominat.

Din il-piena giet akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fedina penali ta' l-imputat, il-fatt illi l-imputat inniffsu kien minorenni meta twettaq dan ir-reat, il-fedina penali ta' l-imputat, l-eta' tal-minuri kwerelanti u l-kontribuzzjoni taghha ghal dak illi gara.

Il-Qorti tordna kopja ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Probation Services.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------